CROP in a POT

# TKABBIR TAL-IKEL

## FIL-GALLARIJI U FUQ IL-BJUT

### F'KONTENITURI JEW QSARI

**PERMAKULTURA URBANA**

**GWIDA GĦAL XOGĦOL FIL-ĠNIEN**

Għodda sabiex jitrawwmu ħiliet
għal sostenibbilità u reżiljenza

# WERREJ


**Crop in a Pot** .......... **5**
- Trawwim ta' ħiliet għal sostenibbilità u reżiljenza .......... 5
- Thrive .......... 6
- X'inhuma l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli .......... 8
- X'inhu Żvilupp Sostenibbli .......... 11

**Ix-Xenarju Malti** .......... **12**

**X'inhi l-Permakultura?** .......... **15**
- Għaliex għandi nkabbar l-Ikel fil-Gallarija jew fuq il-Bejt Tiegħi? .......... 18
- Il-Proċess Disinjattiv Tal-Permakultura .......... 18
- Gardinaġġ Urbani Sostenibbli .......... 20
- Qis id-Distribuzzjoni Sigura tal-Piż fuq il-Bejt/Gallarija .......... 20
- Ilma .......... 20
- Gallarija Mdella .......... 21
- Riħ .......... 22

**Tip Ta' Pjanti** .......... **25**
- X'tip ta' Pjanti Tkabbar? Iddevirsifika b'li ġejjin .......... 25
- X'għandek tikkunsidra meta tagħżel xi tħawwel .......... 26
- L-Aħjar Ħxejjex li tħawwel F'qasrija .......... 29
- Konsiderazzjonijiet għal Qsari jew Kontenituri .......... 39
- Fond għat-Tħawwil tal-Ħxejjex .......... 42
- Daqs Suġġerit ta' Qsari għall-Ħxejjex .......... 45
- Kun af il-Kwalità tal-Ħamrija .......... 52

**Komposting** .......... **54**
- Kisi tal-Art bil-Ħaxix .......... 56
- Kontroll tal-Insetti: .......... 56
- Tkabbir ta' Ġonna Favur il-Fertilazzjoni bil-Polline .......... 60

**SOS Malta Spazju Għal Wirja Ta' Ġnien Urban** .......... **62**

Riferenzi .......... 63



# CROP IN A POT

## TRAWWIM TA’ ĦILIET
## GĦAL SOSTENIBBILITÀ U REŻILJENZA

L-għan prinċipali ta’ dan il-proġett huwa li jgħin irawwem sostenibbilità soċjali, ambjentali u ekonomika billi jipprovdi lil individwi ħiliet u għarfien sabiex ikabbru ftit mill-ikel tagħhom fl-ispazju li għandhom f’darhom stess.

SOS Malta waqqfet Wirja ta’ Ġnien Urban fil-bitħa tal-uffiċini tagħhom stess. Dan l-ispazju sar eżempju u xhieda ta’ modi diversi ta’ kif tista’ tkabbar frott u ħxejjex f’kuntest urban. 60 benefiċjarju magħżula ġew provduti r-riżorsi, ideat u għarfien ta’ kif jintroduċu metodi bi spejjeż minimi ta’ kif ikabbru ikel f’darhom stess permezz ta’ serje ta’ workshops li ttellgħu fl-istess spazju ta’ fejn ittellgħet l-wirja tal-ġnien urban. Fl-istess ħin SOS Malta provdiet lil individwi l-ispirazzjoni u l-opportunita sabiex jitgħallmu fuq permakultura, u agrikoltura sostenibbli u organika.

Il-proġett wassal ukoll sabiex jiġbor flimkien individwi li kabbru l-għarfien u l-ħiliet tagħhom  fil-permakultura/tkabbir ta’ ħxejjex u frott fi spazju urban, waqt li fl-istess ħin itejjbu saħħithom u l-benesseru tagħhom, kif ukoll simultanjament jikkontribwixxu lejn żieda ta’ spazji ħodor fi spazji urbani Maltin.

FOND GĦALL-GĦAQDIET VOLONTARJI
MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION

SOS MALTA
SOLIDARITY OVERSEAS SERVICE

**Proġett implimentat minn SOS Malta u parzjalment iffinanzjat mill-Malta Community Chest Fund Foundation.**

Alexandra Cachia hija minn Malta, u ħadmet fil-permakultura f'Malta għal dawn l-aħħar 6 snin. Hija kisbet iċ-ċertifikazzjoni tagħha fil-permakultura permezz ta' PDC (Permaculture Design Certificate) f'Terra Alta, il-Portugall.

Alex issejħet sabiex tkun parti mill-proġett bħala trainer. Hija prrovdiet l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-workshops interattivi għall-proġett CROP in a POT li tmexxew fl-ispazju tal-ġnien urban ta' SOS Malta. Kull parteċipant fil-workshop ingħata Introduzzjoni fil-Permakultura, Kif tiddisinnja Ġnien Urban fil-Permakultura, u Implimentazzjoni ta' Ġnien Urban fil-Permakultura. Il-parteċipanti ġew ipprovduti bir-riżorsi, ideat u għarfien ta' kif jintroduċu metodi ta' kif ikabbru l-ikel fi djarhom stess bi spejjeż minimi u għalhekk affordabbli. Huma ngħataw ukoll ħarsa ġenerali fil-prinċipji tal-Permakultura bħala għodda mentali li meta jintużaw jippermettu ridisinnjazzjoni tal-ambjent tagħna kif ukoll ta' kif inġibu ruħna f'dinja b'anqas enerġija u riżorsi. Bħala l-awtriċi ta' din il-Gwida għal Permakultura Urbana, Alex tittama li din il-pubblikazzjoni sservi ta' appoġġ kif ukoll twassal lil aktar nies li jkabbru l-frott u l-ħxejjex tagħhom fil-gallariji u l-bjut tagħhom, f'kontenituri u qsari.

**Thrive** toffri servizz ta' tmexxija ta' avvenimenti u workshops relatati ma' benesseru/saħħa, żvilupp personali u konnessjoni. Aħna nipprovdu spazji li jippermettu lil individwi sabiex jikkomunikaw b'mod aktar profond magħhom infushom, ma' ħaddieħor u man-natura, sabiex ngħixu f'dinja fejn l-umani u n-natura jistgħu jimxu 'l quddiem id f'id.



Fost servizzi oħra, aħna noffru:

- Workshops u taħriġ fil-Permakultura, Composting, Tkabbir ta' Ħxejjex Organiċi
- Disinnjar ta' Ġnien Permakulturali (Disinn u Implimentazzjoni tal-ġnien tiegħek sabiex tagħmel użu bl-aktar mod effettiv tal-ispazju disponibbli għalik, sabiex tibbenifikaw inti u l-ambjent fl-istess ħin)
- Workshops ta' Permakultura Soċjali u disinn (kif tapplika dawn il-prinċipji fil-ħajja ta' kuljum)
- Il-Benesseru Fuq il-Post tax-Xogħol: Varjetà ta' workshops u attivitajiet mfassla apposta għal min jaħdem f'ambjent professjonali. Il-workshops jipprovdu lill-parteċipanti l-għodda għall-ħajja u tweġibiet għall-mistoqsijiet li tagħmlilna. Dawn il-workshops jindirizzaw il-mod ta' kif jirnexxilna nirrealizzaw l-aktar bżonnijiet umani bażiċi tagħna, l-istima, is-sens ta' imħabba u appartenenza. Meta l-bżonnijiet umani tagħna jiġu sodisfatti, aħna nkunu nistgħu niffunzjonaw b'mod effettiv u mingħajr sforz f'xogħolna u l-ambjent personali tagħna.

### GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI
### JEKK JOGĦĠBOK IKKUNTATTJANA FUQ:

Posta elettronika: alex@thrivemalta.com

thrivemalta

thriveinmalta

**www.thrivemalta.com**

*Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur ta' SOS Malta. MCCFF ma tista' tinżamm responsabbli għal ebda deċiżjoni li setgħet ittieħdet mill-informazzjoni miġbura hawnhekk.*

## X'INHUMA L-GĦANIJIET TAL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Bħala parti mill-pjan direzzjonali ġdid tal-iżvilupp sostenibbli, il-Ġnus Magħquda approvat l-aġenda tal-2030, li tikkonsisti f'Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli, sejħa għal azzjoni sabiex jintemm il-faqar, protezzjoni tal-pjaneta u garanzija ta' benesseru globali tal-poplu kollu.

Il-pjan direzzjonali huwa ratifikat mill-istati membri kollha, u tfittex li:

- **Jinqered il-faqar u l-ġuħ**, tiggarantixxi ħajja b'saħħitha
- Tuniversalizza **aċċess għal servizzi bażiċi** bħal ilma, sanitazzjoni u enerġija sostenibbli
- Tappoġġja l-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet ta' żvilupp permezz ta' **edukazzjoni u xogħol diċenti** inklussiv
- Trawwem **innovazzjoni u infrastruttura reżiljenti**, toħloq komunitajiet u bliet li huma kapaċi jipproduċu u jikkunsmaw sostenibbilment
- **Tnaqqas id-diżugwaljanza** fid-dinja, speċjalment f'dak li jikkonċerna l-ġeneru
- **Tibża'** għall-ambjent, tiġġieled kontra l-bidla fil-klima u protezzjoni tal-ekosistemi tal-art u l-oċeani
- Tippromovi kollaborazzjoni bejn aġenti soċjali differenti sabiex **toħloq ambjent ta' paċi u żvilupp sostenibbli**







## X'INHU ŻVILUPP SOSTENIBBLI

L-iżvilupp sostenibbli ġie definit bħala żvilupp li jissodisfa l-bżonnijiet tal-preżent mingħajr ma jikkomprometti l-abilità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jilħqu l-bżonnijiet tagħhom.

L-iżvilupp sostenibbli jitlob sforzi koordinati lejn twettiq ta' futur inklussiv, sostenibbli u reżiljenti għall-poplu u l-pjaneta.

Sabiex l-iżvilupp sostenibbli jiġi mwettaq, huwa kruċjali li jkun hemm armonija ta' tlett elementi prinċipali: żvilupp ekonomiku, inklużjoni soċjali u protezzjoni ambjentali. Dawn l-elementi huma interkonnessi u huma kollha kruċjali għall-benesseru tal-individwi u s-soċjetajiet.

Il-qerda tal-faqar f'kull forma u dimensjoni hija rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, għandu jkun hemm promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku ekwu, sostenibbli u inklussiv, li joħloq opportunitajiet akbar għal kulħadd, inaqqas l-inugwaljanzi, jgħolli l-livelli bażiċi tal-għajxien, irawwem żvilupp soċjali u inklużjoni ekwa, kif ukoll jippromovi tħaddim ta' riżorsi naturali u ekosistemi b'mod sostenibbli.





# IX-XENARJU MALTI

Hemm bżonn li jissaħħu l-komunitajiet minn ġewwa sabiex jiġu indirizzati kull aspett ta' żvilupp sostenibbli – Soċjali, Ekonomiku u Ambjentali:

**Soċjali:** Għal darb'oħra Malta ġiet ikkonfermata bħala l-aktar nazzjon obeż fl-Unjoni Ewropea[1]. Riżultati mill-ewwel Stħarriġ tal-Konsum tal-Ikel lokali[2] juri li l-Maltin għad għandhom drawwiet ta' dieta ħażina u li jikkunsmaw ħxejjex mill-anqas. L-għarfien u l-ħiliet ta' kif jieħdu ħsieb u jkabbru l-ħxejjex tagħhom stess mid-dar jagħtu sens ta' setgħa lill-poplu. Dan is-sens jipprovdi wkoll inċentiva sabiex mhux biss jiżdied l-ikel nutrittiv fl-ikliet tagħhom iżda wkoll li jkunu aktar kuntenti[3].

**Ambjentali:** F'Malta jeżistu kwistjonijiet ambjentali speċifiċi u hemm bżonn li jiġu indirizzati, fosthom in-nuqqas ta' spazji ħodor, riżorsi ta' ilma skarsi u dipendenza għolja fuq prodotti importati jew li mhumiex organiċi – il-frott u l-ħxejjex Maltin għandhom l-akbar probabilità li jikkontjenu livelli illegali ta' pestiċidi mill-Ewropa kollha[4]. Inizjattivi li jippromovu tkabbir organiku, jinkoraġġixxu bijodiversità u l-użu sostenibbli tal-ilma huma meħtieġa sabiex jaċċertaw futur sostenibbli għall-gżira.

**Ekonomiku:** L-inkoraġġiment tat-tkabbir mid-dar u l-biedja organika mhuwiex daqstant sempliċi minħabba n-nuqqas ta' spazji miftuħa, speċjalment f'żoni urbani, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mat-tkabbir lokali. Għandna bżonn inkunu kapaċi nadattaw drawwiet ta' tkabbir konformi mal-ispazju li ngħixu fih u l-fondi li għandna.

**CROP in a POT** immira li jindirizza dawn l-isfidi billi jintroduċi soluzzjonijiet alternattivi, jipprovdi kit għat-tkabbir mid-dar u idejn interattivi fit-tagħlim li jippermettu lill-benefiċċjarji li jkabbru f'spazji żgħar waqt li jużaw metodu li jirrispetta l-ambjent skont il-prinċipji tal-Permakultura.

## SOSTENIBBILITÀ WARA L-FINANZJAMENT TAL-PROĠETT CROP IN A POT

In-natura nfisha tal-proġett twassal għal sostenibbilità fit-tul li tipprovdi lill-grupp immirat bil-għodda sabiex isir aktar sostenibbli fih innifsu fil-produzzjoni u s-sigurtà tal-ikel. Il-proġett ifittex ukoll li jinstiga bidla kulturali li permezz tagħha l-poplu jieħu responsabbilità ta' saħħtu u l-benesseru tiegħu, waqt li fl-istess ħin jimminimizza l-impatti negattivi tal-ambjent li huwa mdawwar bih.







# X'INHI L-PERMAKULTURA?

*"Il-Permakultura hija pajsaġġi maħsuba konxjament li jidduplikaw il-mudelli u relazzjonijiet misjuba fin-natura, waqtli jagħtu abbundanza ta' ikel, fibra u enerġija għall-proviżjoni tal-bżonnijiet lokali."*

David Holmgren u Bill Mollison; Permaculture One, 1978

*"Sistema mfassla għall-ambjent naturali tal-umani li jipprovdu il-bżonnijiet umani b'mod ambjentali sostenibbli."*

Geoff Lawton





## Permaculture Ethics

Care of the Earth | Care of People | Fair Share

## & Design Principles

1. Observe & interact
2. Catch & store energy
3. Obtain a yield
4. Apply self-regulation & accept feedback
5. Use & value renewable resources & services
6. Produce no waste
7. Design from patterns to details
8. Integrate rather than segregate
9. Use small & slow solutions
10. Use & value diversity
11. Use edges & value the marginal
12. Creatively use & respond to change

*David Holmgren https://permacultureprinciples.com/*



Il-Permakultura hija mixja lejn disinn ta' kolonji umani u sistemi agrikulturali perenni li jidduplikaw ir-relazzjonijiet misjuba fl-ekoloġiji naturali. Hija ġiet prattikament żviluppata l-ewwel darba fis-sittinijiet tas-seklu għoxrin mill-bidwi Awstrijak Sepp Holzer fir-razzett tiegħu stess. Wara, ġiet żviluppata teoretikament fid-diċenju ta' wara, mill-Awstraljani Bill Mollison u David Holmgren u s-soċji tagħhom permezz ta' serje ta' pubblikazzjonijiet.

Mal-fus tal-permakultura hemm it-tliet etiċi: ħarsien tad-dinja, ħarsien tal-poplu, u tqassim ġust. Huma jifformaw is-sisien għad-disinn tal-permakultura u jinsabu wkoll fl-aktar soċjetajiet tradizzjonali. It-12-il prinċipju tal-permakultura jinsabu f'paġna 16.

David Holmgren huwa l-aktar magħruf bħala l-ko-oriġinatur tal-kunċett tal-permakultura flimkien ma' Bill Mollison, wara l-pubblikazzjoni ta' *Permaculture One* fl-1978. Il-passjoni tiegħu lejn is-sisien filosofiċi u konċettwali għas-sostenibbiltà huma enfasizzati fil-ktieb tiegħu, *Permaculture: Principles and Pathways Beyond Sustainability.*



## GĦALIEX GĦANDI NKABBAR L-IKEL FIL-GALLARIJA JEW FUQ IL-BEJT TIEGĦI?

- Tidher isbaħ u tintiegħem itjeb
- Ix-xogħol fil-ħamrija hu terapewtiku
- Inaqqas il-mili assoċjati mal-frott u l-ħxejjex
- Iżomm l-ibliet friski
- Titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-belt
- Jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju

## IL-PROĊESS DISINJATTIV TAL-PERMAKULTURA

- Jevalwa l-bżonnijiet tal-ispazju
- Joħloq mappa tal-proprjetà
- Josserva s-sit tiegħek u l-elementi esterni kollha li jinteraġixxu mal-ispazju tiegħek
- Jistabilixxi Analiżi Settorjali
- Jistabilixxi Analiżi tal-Ilma
- Jiċċekkja s-Sorsi tal-Ħamrija u n-Nutrijenti fis-Sit
- Jevvalwa l-Mikroklima
- Jevalwa ż-Żona u l-Pjazzament tad-Disinn
- Jistabilixxi Elementi Mpoġġija Ħażin
- Disinn Dettaljat
- Azzjoni
- Ċiklu ta' Rispons Awto-regolatorju





## GARDINAĠĠ URBANI SOSTENIBBLI

- Ippjana u Applika d-Disinn tal-Permakultura qabel tibda
- Komposting tad-Dud
- Aħżen l-Ilma tax-Xita
- Trobbija ta' Naħal jew Tħawwil Favur il-Fertilizzazzjoni bil-Polline
- Agħti skop ġdid lil materjali diġà użati f'kontenituri/ħwat/sistemi ta' rfid eċċ

## QIS ID-DISTRIBUZZJONI SIGURA TAL-PIŻ FUQ IL-BEJT/GALLARIJA

- Uża qsari ħfief ħafna jekk int inkwetat/a
- Poġġi l-qsari qrib id-dar jew fuq strutturi li jifilħu għall-piż
- Ifrex il-piż matul l-ispazju kollu
- F'każ ta' proġetti kbar b'ħafna ħamrija eċċ, ikkonsulta surveyor

## ILMA:

Qsari u kontenituri dejjem jirrikjedu tisqija aktar frekwenti minn pjanti fil-ħamrija. Matul il-mixja tal-istaġun u l-maturazzjoni tal-pjanti tiegħek, is-sistema tal-għeruq tagħhom tespandi u jkollha bżonn aktar ilma. Tistenniex sa meta tara l-pjanti jinxfu. Iċċekkja l-qsari tiegħek kuljum sabiex tagħraf għandhomx bżonn ilma jew le.

- Assigura li tevita li ssodd il-katusi
- Applika sistemi ta' kif tiġbor l-ilma tax-xita billi tuża gradilji u katusi li diġà hemm
- Iffranka l-ilma permezz tal-kisi tal-ħaxix



## GALLARIJA MDELLA

Jekk il-gallarija hija mdella (tħares lejn it-Tramuntana jew il-Lvant, jew mdella wisq minħabba bini tal-madwar) agħżel pjanti li jittolleraw id-dell. Tursin, nagħniegħ, kurat selvaġġ, u ħxejjex li jikbru malajr bħall-ħass, spinaċi u weraq tal-insalata orjentali ikampaw tajjeb fid-dell.

Ftakar li jekk tuża kontenituri kbar jippermettulek ukoll li tikkombina pjanti f'anqas spazju u għalhekk tista' wkoll tieħu vantaġġ tal-mikroklima li tinħoloq. Pereżempju, arbuxell kbira tippermetti t-tħawwil taħtha ta' pjanti li jikbru fil-baxx fir-rokna kennija tat-tarf tal-qasrija mħalliha vojta.

### L-AKTAR ĦXEJJEX LI JĦOBBU D-DELL

- Weraq tal-Insalata
- Fażola ta' Spanja
- Rucola
- Piżelli
- Pitravi
- Ravanell
- Chard
- Spinaċi
- Ħwawar (tursin, kosbor)

### KONSIDERAZZJONIJIET GĦALL-GALLARIJA ESPOSTA ĦAFNA GĦAX-XEMX

- Uża xibka irqiqa
- Uża tinda
- Uża Blinds tad-Drapp

## RIĦ

Ir-riħ jista' jkun verament ta' periklu għal kwalunkwe pjanta mkabbra f'qasrija. Pjanti twal bħal pereżempju t-tadama jew il-ħjar u l-qara' xitwi li jkunu mirfuda ma' trellis – jitqalu ħafna meta jipproduċu l-frott. Għalhekk ara li tpoġġi l-kontenituri tiegħek f'post li ma jkunx espost għal ħafna riħ. Żiffa tipprovdi ċirkolazzjoni sabiħa ta' arja u timpedixxi mard fungali, iżda r-riħ qawwi jista' jaqleb il-qsari u l-kontenituri ta' taħt fuq waqt li wkoll jeqred il-weraq u jwaqqa' l-frott. Jekk qed tpoġġi l-qsari u l-kontenituri tiegħek f'post maqtugħ mill-art, jew fuq il-bejt, jista' jkun neċessarju li tipprovdi xi tip ta' paraventu. Ikkunsidra wkoll li tuża kontenituri b'qiegħ wiesgħa minħabba li huma anqas suxxettibbli li jittajjru.

### L-AĦJAR ĦXEJJEX F'SIT BIR-RIĦ

- Ħwawar: bay, klin, sagħtar, salvja, oregano, kurrat selvaġġ, tursin
- Ravanell
- Rucola
- Ħass
- Kurrat
- Karrotti
- Basal tar-Rebbiegħa
- Pitravi chard
- Pak Choi
- Kale
- Frawli
- Tewm
- Żebbuġ
- Patata

Jekk il-ġnien fil-gallarija tiegħek qiegħed f'post li huwa espost u fih jaqbel ħafna r-riħ, importanti li tikkunsidra li jkollok aktar protezzjoni permezz ta' skrinjar semi-permeabbli/ sistema ta' rfid (trellis) / membrana tar-riħ. Fl-istess ħin oqgħod attent/a ħafna li dawn huma sikuri ħafna. Żgur ma tridx li riefnu jaqlagħlek kollox u jaqgħu fuq xi ħadd għaddej għall-affari tiegħu. Għalhekk iċċekkja l-irjieħat predominanti u d-direzzjonijiet tal-arja tiegħek ħalli b'hekk tkun tista' tpoġġi l-paraventi u l-pjanti vulnerabbli fl-aħjar post possibbli.

### FTIT GĦAJNUNA OĦRA GĦAL SIT BIR-RIĦ

- Agħżel pjanti li jittolleraw ir-riħ
- Żomm il-ħamrija baxxa fil-qasrija sabiex il-ġnub tal-qasrija iservu ta' protezzjoni (fl-istess ħin ara li l-pjanta jkollha l-fond rekwiżit)
- Dawwar il-koneniturі b'barrieri baxxi ħalli jillimitaw ir-riħ (pereżempju barrieri tal-injam)
- Iksi ħafna bil-ħaxix ħalli tipprevjeni r-riħ milli jnixxef il-ħamrija
- Ippostja tajjeb l-arbuxell
- Siġar baxxi jagħtu kenn mir-riħ
- Oħloq sistemi ta' rfid (trellis)









# TIP TA' PJANTI

Il-biċċa l-kbira tal-pjanti li tagħżel għandhom ikunu jifilħu għar-riħ, jittolleraw in-nixfa, u jħaddru tul is-sena kollha ħalli jkunu mimlijin b'ħafna weraq u għalhekk joffru paraventu għall-istorbju tat-traffiku u dħaħen matul is-sena kollha.

Żid ħxejjex li jattiraw il-fertilizzazzjoni tal-polline u li jibdlu l-lewn tagħhom skont l-istaġun, permezz ta' basal tal-fjuri u iżra ħxejjex li b'xi mod jew ieħor jagħtuk il-frott. Ħalli spazju għal ħxejjex li jikbru malajar, ma tantx jieħdu spazju u li jittieklu bħal weraq tal-ħass, nasturiums u ħwawar tal-kċina bħal fidloqqom, salvja u sagħtar..

## X'TIP TA' PJANTI TKABBAR? IDDEVIRSIFIKA B'LI ĠEJJIN

- Ħwawar tal-Kċina
- Ħwawar Mediċinali
- Akkumulaturi dinamiċi bħal pereżempju comfey u fidloqqom
- Pjanti li jassimilaw in-nitroġenu
- Berries Imħallta
- Ħxejjex Annwali
- Siġar tal-Frott u l-Lewż
- Misjudged Weeds
- Fjuri li Jittieklu

## X'GĦANDEK TIKKUNSIDRA META TAGĦŻEL XI TĦAWWEL

- Ħawwel skont l-istaġun. (Malta għandha klima li qiegħda fiż-Żona Internazzjonali 10. Ikkonsulta t-tabella għal aktar informazzjoni ta' meta għandek tħawwel liema pjanti)
- Kemm għandhom bżonn ilma, kemm jifilħu għar-riħ u għax-xemx li għalihom hu espost l-ispazju tiegħek. Agħżel l-aktar pjanti li jmorru tajjeb fil-gallarija/bejt tiegħek.
- X'tip ta' ħamrija jħobbu? Ph? (Din hija importanti f'każ li għandek xi ħawt u mhux fil-każ li tixtri ħamrija mħallta ġdida mill-ħwienet)
- Kemm għandha bżonn spazju il-pjanta meta din timmatura kompletament? (ara l-wisa' tagħha u kemm tinfirex – ikkonsulta l-appendiċi)
- Liema pjanti oħra jgħinu lil din l-istess pjanta? (Pjanti li Jissieħbu)
- Huma Annwali jew Perenni?
- Inkludi pjanti li jassimilaw in-nitroġenu fil-ħwat jew fil-ħamrija li jkunu. Ftit huma l-pjanti li kapaċi jiġbdu l-gass tan-nitroġenu mill-arja u jaħżnuh fl-għeruq tagħhom. Dawn jissejħu nitrogen fixing plants, pereżempju pjanti tal-legumi bħal mhuma l-fażola u l-piżelli. Waqt li jkunu qed jikbru ftit li xejn jirrilaxxaw nitroġenu fil-ħamrija imma meta jikbru kemm ikollhom jikbru u jmutu, id-dekompożizzjoni tagħhom tirrilaxxa n-nitroġenu maħżun u jżidu n-nitroġenu fil-ħamrija. Il-mewt tagħhom tipprovdi n-nitroġenu għall-pjanti li se jitħawwlu fl-istess ħamrija aktar tard. Siġar endemiċi Maltin li jassimilaw in-nitroġenu huma s-siġar tal-ħarrub u ta' Ġuda.



- Inkludi Akkumulaturi Dinamiċi fil-ħwat u l-ħamrija. (Xi pjanti, normalment dawk li jkollhom l-għeruq fil-fond jiġbdu n-nutrijenti mis-saffi l-baxxi tal-ħamrija, u dawn jinħażnu fil-weraq tal-pjanti. Meta fil-ħarifa u fix-xitwa, dawn il-weraq jaqgħu u jinkisru, in-nutrijenti maħżuna fihom jinkorporaw ruħhom fis-saffi ta' fuq tal-ħamrija u għalhekk pjanti oħra jibbenefikaw minnhom.)
- Id-diversità ta' ħxejjex u pjanti hija importanti ħafna u tgħin is-sopravivenza tal-pjanti.

Sabiex tinforma ruħek aktar fid-dettall x'teħtieġ il-pjanta li se tħawwel irriċerka "Planting Guide" ta' dik il-varjetà speċifika minn fuq l-internet jew minn xi ktieb.







## L-AĦJAR ĦXEJJEX LI TĦAWWEL F'QASRIJA



### 1. TADAM

It-tadam huma bla dubju l-aktar pjanti produttivi li tista' tkabbar f'qasrija. It-tadam għandhom bżonn ħafna xemx (minimu ta' 5-6 sigħat kuljum). Il-qis tal-qasrija għandu tkun ta' mill-anqas 30ċm, iżda jiddependi wkoll mil-liema tip ta' tadama qed tħawwel. F'każ li qed tħawwel f'kontenituri, dawk li għandhom zokk qasir huma l-aħjar. Tista' wkoll tħawwel tadam taċ-cherry (miż-żgħir) għal aktar frott.



### 2. FAŻOLA

Il-biċċa l-kbira tal-pjanti tal-fażola jħobbu jixxebilku u jikbru 'l fuq. Huma produttivi fil-qsari u jikbru faċilment. Tista' tkabbarhom ma' trellis qrib ta' ħajt, u fi ftit ġimgħat ikollok il-ħajt imħaddar bil-fażola mxebilka mat-trellis. Ikollok bżonn post xemxi, u qasrija b'minimu ta' 30ċm (aktar kemm tkun kbira aħjar). It-trellis għandha wkoll tkun b'saħħitha sabiex tkun tiflaħ għaliha. Minħabba li l-fażola jassimilaw in-nitroġenu, ikun tajjeb li tiżra' taħthom pjanti li għandhom bżonn aktar nitroġenu. Jekk qed tkabbar il-fażola f'qasrija kbira ħafna, tista' wkoll tkabbar pjanti oħra bħal kale u karfus.



### 3. ĦASS

Il-ħass jikber malajr ħafna u tista' taqta' minnhom aktar minn darba matul l-istaġun. Il-ħass jikber meta l-istaġun ikun frisk, u għalhekk trid tiddeċiedi meta huwa ż-żmien ideali sabiex tkabbru skont il-klima tiegħek. Ħafna drabi jinżergħu fir-rebbiegħa. Imma jekk tgħix fi klima sħuna, iżragħhom fix-xitwa.

Sabiex tkabbar il-ħass uża qasrija wiesgħa aktar milli għolja. Għoli ta' 15ċm huwa biżżejjed. Ara li bejn pjanta u oħra tħalli mill-anqas 10ċm. Ftakar li ħass bil-weraq jikber eqreb lejn xulxin minn ħass ikkaboċċjat. Uża ħamrija li żżomm l-ilma tajjeb ħafna u saqqi ftit u frekwenti sabiex iżżomm il-ħamrija mxarrba il-ħin kollu.



### 4. BŻAR U ĊILI

Il-bżar u ċ-ċili huma inkredibilment produttivi, u tajbin ħafna sabiex jitkabbru f'kontenituri. Ukoll jidhru sbieħ ħafna fil-qsari u għandhom bżonn post xemxi u sħun sabiex jikbru tajjeb. Jekk iżomm il-qasrija f'post xemxi, ittihom il-ħamrija ideali, u tiffertilizza l-ħamrija minn żmien għal ieħor, jagħtu ħafna frott. Qasrija kbira b'fond mill-anqas ta' 30ċm huma ideali.







## 5. RAVANELL

Ir-ravanell huma fost l-aktar tip ta' ħxejjex li jikbru malajr. Tajbin ħafna sabiex jitkabbru f'kontenituri u tista' tkabbarhom fi qsar żgħar u wiesgħa. Qasrija b'fond ta' 30ċm hija biżżejjed imma jekk trid tkabbar varjetà ta' ravanell akbar uża qasrija b'fond ta' 25ċm. Ħalli spazju ta' 7ċm bejn pjanta u oħra.



## 6. ASIAN GREENS

Dawn huma tip ieħor ta' ħxejjex li jikber tajjeb ħafna fil-qsari, għax jikbru malajr u m'għandhomx bżonn ħafna xemx. Tista' tkabbarhom f'post imdellel li jirċievi bejn 3-4 sigħat ta' xemx filgħodu. Sabiex jikbru tajjeb huwa importanti li żżommhom umdi u tagħtihom fertilizzant organiku.



## 7. SPINAĊI

L-ispinaċi huma uħud mill-aqwa ħxejjex li jikbru f'kontenituri. Jikbru tajjeb fi ftit dell u f'kull tip ta' spazju. Huma faċli jitkabbru f'kontenitur għax tista' anke tkabbarhom ġewwa f'ħoġor ta' tieqa. Meta tkabbar l-ispinaċi f'qasrija, agħżel qasrija b'fond minimu ta' 20ċm. M'għandekx bżonn qasrija fonda ħafna, il-wisgħa huwa aktar importanti.



## 8. PIŻELLI

Il-piżelli jippreferu kundizzjonijiet moderati, huma tip ta' ħxejjex perfetti għall-qsari u m'għandhomx bżonn jitkabbru fi qsari kbar. Jikbru malajr u mingħajr wisq attenzjoni. Tista' anke tkabbar il-piżelli f'gallarija. Agħżel dawk ta' zokk qasir jew li huma aktar folti, u saqqihom regolarment u frekwentament għax jippreferu jkollhom ħamrija xi ftit jew wisq umda. Żommhom f'post li jieħdu x-xemx direttament jew għallinqas parzjalment.



## 9. KARROTTI

Il-karrotti jikbru l-aħjar f'temp frisk. Il-pjanti tal-karrotti għandhom bżonn jissaqqu regolarment, inkella l-għeruq jinxfu u jinqasmu. Huwa faċli tkabbar il-karrotti f'kontenituri u ma jieħdux wisq spazju.



## 10. ĦJAR

Il-ħjar għandhom bżonn ħafna nutrijenti kif ukoll tisqija regolari. Kabbarhom f'qasrija ta' daqs medju jew kbira (skont il-varjetà li huma) u fix-xemx. Fi ftit xhur jista' jkollok il-ħjar iqarmeċ tiegħek.



## 11. BRUNĠIEL

Minkejja li l-brunġiel huma suxxettibbli ħafna għall-insetti tal-ġnien, xorta waħda faċli tkabbarhom. Iħobbu ħafna s-sħana u għandhom bżonn temperatura għolja kemm matul il-ġurnata u kemm matul il-lejl. Huma ideali għas-sajf.

Huwa aktar faċli żżommhom f'kontenitur milli fi ġnien kbir. Huwa neċessarju li żżommhom fi qsari li jieħdu direttament ix-xemx u għandhom bżonn ħafna nutrijenti (bħall-ħxejjex kollha li ġejjin mir-razza tat-tadam – il-bżar, it-tadam, il-patata).



## 12. QARA' XITWI

Il-qara' twil huma pjanta li tista' tkabbar faċilment. Il-qara' sajfi (Zucchini) huma aktar produttivi minn tax-xitwa. Tista' tieħu l-frott minnhom minn kontenitur. Huma uħud mill-aktar ħxejjex ideali għal fuq il-bejt, gallarija jew f'xi ġnien f'xi bitħa.



## 13. KALE

Li tkabbar il-kale f'kontenitur huwa faċli. Tista' tieħu minnhom ħafna drabi, billi taqta' l-weraq teneri minn żmien għal ieħor jew billi taqta' l-pjanta kollha. Il-kale huma tip li jħobbu t-temp frisk imma xorta waħda jittolleraw xi ftit sħana tas-sajf. Madankollu, din it-tip bijennali tintiegħem xi ftit qarsa waqt ix-xhur aktar sħan.





## 14. PITRAVI CHARD

Il-pitravi chard jittolleraw is-sħana aħjar mill-kale u huma aktar ideali jekk tgħix fi klima sħuna. Madankollu, huma xorta waħda tip li jikbru fl-istaġun frisk. Għalhekk, stenna sal-aħħar tas-sajf sabiex tħawwilhom. Kemm il-kale u kemm il-pitravi chard tista' tkabbarhom fi qsari żgħar. Kull pjanta jkollha bżonn tal-anqas 15-il ċm ta' spazju.



## 15. MUSTARDA

Il-mustarda m'għandhiex bżonn kesħa daqs it-tnejn preċidenti (il-kale u l-pitravi chard), anzi tħobb is-sħana. Li tkabbar il-mustarda huwa faċli u tikber mingħajr wisq attenzjoni.



## 16. TEWM

Il-basal tat-tewm huwa għali imma t-tewm huma ikel mill-aktar tajjeb għas-saħħa. Ukoll, tista' tkabbarhom fid-dar f'kontenituri. Meta tkabbar it-tewm f'kontenituri, agħżel qasrija li hija mill-anqas 20ċm fonda u wiesgħa kemm jista' jkun. Ikollok bżonn tħalli 15-il ċm bejn waħda u oħra.





## 17. RHUBARB

Ir-rhubarb jitkabbar għall-partijiet ħomor, roża jew roża fl-aħdar li jittieklu. Żidna r-rhubarb f'din il-lista għar-raġuni li biex tkabbar ir-rhubarb huwa faċli (anke f'kontenituri), tikber għal snin sħaħ, u tista' taqta' minnha ħafna drabi. Sabiex tkabbar ir-rhubarb ikollok bżonn qasrija fonda ħafna u ħamrija li żżomm l-ilma tajjeb ħafna.



## 18. BETTIEĦA MORRA

Din hija eżotika u tajba għas-saħħa. Hija probabbilment waħda mill-aħjar ħxejjex li tista' tkabbar f'qasrija. Titkabbar b'mod simili għall-qara' xitwi, il-ħjar u l-bettieħ. Ikollok bżonn qasrija b'fond ta' 30ċm u trellis b'saħħitha.



## 19. OKRA

L-okra hija tip ta' ħaxixa li tikber fi staġun sħun. Hija faċli sabiex tkabbarha u m'għandekx bżonn xi ħiliet kbar ta' gardinaġġ. Trid tesponiha sew għax-xemx u jekk ittiha ħafna fertilizzanti tagħti ħafna frott. Dawk b'zokk qasir huma aktar ideali għall-kontenituri.



## 20. COLLARD GREENS

Il-collard greens huma alternattiva tajba għall-ispinaċi jew ħxejjex oħra mwerrqa. Tista' tkabbar din il-bijennali faċilment f'kontenituri kull sena. Tista' tieħu ħafna minnha wara 75 jum mit-trapjantar tagħha. Aħsad il-weraq teneri u li m'ilhomx li telgħu; taqtagħhom u jerġgħu jikbru.



## KONSIDERAZZJONIJIET GĦAL QSARI JEW KONTENITURI

Akbar = Anqas Manteniment (Anqas tisqija u fertilizzanti)
Tipi ta' Kontenituri: Magħmulin apposta, kontenituri irħas li tista' tagħmel int stess/li tixtri mill-ħwienet, bramel galvanizzati, fibreglass, terracotta, ħwat (ideali għall-gallariji), friskaturi, kontenituri li jsaqqu waħedhom, boroż li tkabbar fihom, Polanters, Wooly Packets

### KONTENITURI JEW QSARI GĦAL ĠNIEN TAL-ĦXEJJEX

- Kif tagħżel il-Kontenituri: Kontenituri għall-ġnien tal-ħxejjex tiegħek jistgħu jkunu kwalunkwe: qsari tal-fjuri, bramel, qfief, bushel baskets, kaxxi tal-injam, nursery flats, qsari tat-twieqi, friskaturi, qsari tal-frawli, boroż tal-plastik, laned kbar tal-ikel.
- Sistema ta' kif jgħaddi l-Ilma: Ikun x'ikun il-kontenitur li tagħżel għall-ġnien tiegħek, dejjem għandu jkollu toqob fil-qiegħ, sabiex jippermetti l-ħruġ tal-ilma żejjed. Il-ħxejjex imutu jekk jitħallew f'ħamrija mxarrba.
- Konsiderazzjoni ta' Kuluri: Oqgħod attent/a meta tagħżel kontenituri b'kuluri skuri għal barra minħabba li dawn jassorbu s-sħana li tista' tagħmel il-ħsara għall-għeruq. Jekk xorta waħda tuża qsari skuri, ipprova iżbogħhom b'kuluri aktar ċari jew poġġi lilhom u mhux il-qsari fid-dell.



## KONSIDERAZZJONIJIET GĦAL KONTENITURI MDENDLA

- Saqqihom b'mod aktar frekwenti
- Waħħalhom sew
- Kun kreattiv/a u uża kontenituri b'użu normalment differenti bħal pereżempju passatur tal-għaġin
- Agħti ħajja u kulur lill-ispazju tal-gallarija tiegħek
- Ipproduċi ammont sorprendenti ta' ikel
- Uża l-ispazju vertikali tal-gallarija b'mod effettiv

## L-AQWA ĦXEJJEX FIL-BOROŻ

- Tadam
- Bżar Ħelu
- Brunġiel
- Ħjar
- Ċili
- Ħass
- Rucola
- Ħabaq
- Ravanell
- Fażola ta' Spanja u tal-Miżwed
- Zukkini
- Qara' twil
- Piżelli
- Pitravi Chard

## L-AQWA ĦXEJJEX GĦALL-QSARI TAT-TWIEQI

- Ħwawar: il-ħabaq, il-kurrat selvaġġ, il-kosbor u t-tursin kollha jmorru tajjeb fi qsari ta' daqs medju, waqt li l-klin, is-sagħtar, is-salvja u l-oregano ikollhom bżonn qasrija akbar u aktar fonda.
- Weraq tal-Insalata
- Ravanell
- Basal tar-Rebbiegħa
- Fażola Żgħira
- Tadam (Bush jew Tumbling)
- Frawli
- Pitravi Chard
- Fjuri Jittieklu
- Ċili



## FOND GĦAT-TĦAWWIL TAL-ĦXEJJEX

Għall-biċċa l-kbira tal-pjanti, kontenitur b'fond ta' 20ċm ikun biżżejjed. Il-fond meħtieġ jiddependi mill-pjanta. Il-ġdur, il-ħjar, il-brokkoli, il-pitravi, il-ħass u l-basal aħdar kollha jikbru tajjeb f'kontenitur b'dan il-fond. Iżda ħxejjex oħra bħall-kaboċċa, ikollhom bżonn aktar fond, imqar ta' 25ċm. Ħxejjex bħat-tadam, karrotti u l-bżar jerġa' jkollhom bżonn aktar fond, imqar ta' 30ċm. Sabiex taċċerta li l-għeruq tal-ħxejjex għandhom biżżejjed spazju fejn jikbru, ħalli spazju ta' 5ċm fil-ġnub u spazju ta' 15-il ċm fil-qiegħ.

### FOND GĦALL-FJURI

Normalment, fjuri li jwarrdu b'mod annwali ikollhom sistema ta' għeruq mhux fonda, u jikbru sew f'qasrija b'fond ta' 20ċm. Fjuri perenni bħal dawk li jikbru bil-basal, ikollhom bżonn aktar fond. Fjuri b'basal kbar ikollhom bżonn tħawwil f'fond ta' 20ċm, għalhekk il-qasrija jrid ikollha spazu ta' 15-il ċm oħra għal isfel, u b'hekk kif ġie diskuss qabel, ikun hemm bżonn fond totali ta' 35ċm. Basal iżgħar jistgħu jitħawwlu f'fond ta' 10ċm, u għalhekk qasrija b'fond ta' 20ċm tkun biżżejjed. Aqra l-istruzzjonijiet sew li ssib ħalli tiddetermina il-fond ideali.

### GĦALIEX IL-FOND HUWA IMPORTANTI?

Meta tkabbar il-pjanti fil-qsari, l-għeruq tagħhom ikollhom il-bżonn l-ispazju fejn jikbru. Jekk ikunu restritti, jaffettwaw l-abilità tal-pjanti biex jikbru sew. Kontenituri li jirrestrinġu l-għeurq jaffetwaw il-fjuri tagħhom, in-nutrijeti li jieħdu, il-fotosintesi tagħhom u l-frott li jistgħu jagħtu. Il-fond tal-kontenitur jaffettwa wkoll l-umdità tal-ħamrija minħabba li kontenituri aktar fondi ikollhom bżonn anqas ilma minn kontenituri inqas fondi li għandhom anqas volum ta' ħamrija. Kontenituri akbar li jippermettu għal aktar ħamrija bejn il-ġnub u l-qiegħ tal-kontenitur u tal-għeruq tal-pjanta jipproteġu l-għeruq minn temperaturi sħan jew kiesħa estremi.



### SINTOMI TA' GĦERUQ MGĦAFFĠA

Pjanti li jikbru fi qsari mingħajr spazju adekwat għall-iżvilupp tal-għeruq jistgħu juru sintomi li jiġbdulek l-attenzjoni għall-problemi li jista' jkun hemm. Pjanti b'għeruq kompatti jikbru b'mod iżgħar. Il-klorożi, li hija sfurija tal-weraq hija ħafna drabi kkawżata mill-inabbilità tal-pjanti sabiex tieħu nutrijenti l-aktar importanti, u tidher l-aktar fi pjanti b'sistemi ta' għeruq mhux adekwati. Sintomi ta' tkabbir ristrett huma t-twaqqigħ tal-weraq, weraq żgħar, waqfien fl-iżvilupp u l-pjanti jidbielu.

Fond ta' 20ċm iżomm ħamrija, nutrijenti u umdità biżżejjed li jwassal għal ħsad tajjeb ta' frott minn kważi kull ħaxixa u ħwawar imħawwla f'kontenitur. (Ikollok bżonn li ssaqqi darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa.) Kontenituri iżgħar b'anqas ħamrija jkollhom bżonn jiġu msaqqija b'mod aktar frekwenti u jingħataw aktar fertilizzanti.

**Sistema tajba ta' kif jgħaddi l-ilma** hija essenzjali meta tkun qed tkabbar il-pjanti f'kontenituri. Kotenituri b'dijametru anqas minn 25ċm għandhom bżonn toqba b'dijametru ta' 1.2ċm sabiex jippermettu l-ilma jgħaddi tajjeb. Kontenituri b'dijametru akbar minn 25ċm ikollhom bżonn minn żewġ sa erba' toqob.

**L-Anqas Ħxejjex Għatxana:** Pitravi, karrotti, spinaċi, pitravi chard, kale, basal, piżelli, tewm, żebbuġ, qamħ ħelu, qaqoċċ, fjuri edibbli, ħwawar (bay, klin, sagħtar, salvja, oregano, verbena tal-lumi).

**L-Aktar Ħxejjex Għatxana:** Patata, frawli, tadam, brunġiel, zukkini, bżar, ħjar u tin.



## DAQS SUĠĠERIT TA' QSARI GĦALL-ĦXEJJEX

**Weraq Ażjatiku – Mustarda u Mizuna:**
Kabbar fi qsari ta' 20ċm.

**Arugula:**
Kabbar fi qsari ta' 20ċm. Huma ideali sabiex jikbru f'qsari tat-twieqi.

**Asparagus:**
Kabbar żewġ pjanti f'kontenitur ta' 7.5L; kabbar sa ħames pjanti f'kontenitur ta' 38L.

**Fażola:**
Ippermetti daqs 20 sa 30ċm ta' fond għall-ħamrija għall-fażola kollha. Ħawwel il-fażola tal-bush daqs 23ċm minn waħda għal oħra u l-fażola biz-zokk twil (bean pole) daqs 10ċm minn waħda għal oħra. Kabbar iż-żewġ pjanti f'kontenitur ta' 38L.

**Pitravi:**
Kabbar seba' pjanti f'kontenitur ta' bejn 7.5 u 11L, u daqs żewġ tużżani f'kontenitur ta' 38L; kabbar il-pjanti 5ċm minn waħda għal oħra.

**Bok Choy:**
Kabbar pjanta waħda f'qasrija ta' 20ċm.

**Brokkoli:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' bejn 19 u 38L. Ibda minn pjanti għadhom żgħar.

**Brussells Sprouts:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 11-il L, tnejn f'kontenitur ta' bejn 19 u 38L. Ibda minn nebbieta.

**Kaboċċa:**
Kabbar waħda f'kontenitur ta' 7.5L; ħawwel tnejn f'kull kontenitur ta' bejn 11 u 19-il L. Wara ftit ġimgħat aqla' l-aktar waħda dgħajfa; kabbar tlett pjanti f'kontenitur ta' 38L.

**Karrotti:**
Kabbar varjetajiet li jimmaturaw bejn 5 u 10ċm f'kontenitur ta' bejn 4 u 7.5L; varjetajiet li jimmaturaw bejn 13 u 15-il ċm f'kontenituri ta' 19-il L, varjetajiet li jimmaturaw bejn 18 u 30ċm f'kontenituri ta' 38L. Ibqa' naqqi sakemm ikollhom 5ċm spazju bejn waħda u oħra. Jekk l-għeruq imissu l-qiegħ tal-qasrija, il-karrotta ma tibqax tiżviluppa sal-maturità tagħha.

**Pastard:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' bejn litru u 19-il L; kabbar tlieta f'kontenitur ta' 38L.

**Karfus:**
Kabbar karfusa waħda f'barmil ta' 7.5L; kabbar ħames pjanti f'barmil ta' 38L.

**Pitravi Chard:**
Kabbar pitrava chard waħda f'barmil ta' 7.5L; kabbar ħames pjanti f'barmil ta' 38L.

**Ċikwejra:**
Kabbar tliet pjanti f'qasrija ta' 45ċm.



**Kurrat Selvaġġ:**
Ibda ż-żerriegħa f'qasrija ta' 7.5ċm, kabbar il-pjanta f'qasrija ta' 20ċm.

**Collards:**
Kabbar żewġ pjanti f'kontenitur ta' 7.5L u erbgħa f'kontenitur ta' 19-il L.

**Qamħ:**
Kabbar il-qamħ f'kontenituri b'fond tal-ħamrija ta' 20ċm jew aktar. Kabbar tliet pjanti ta' daqs standard f'kontenitur ta' 57L u sitta f'kontenitur ta' 114-il L. Sitt pjanti tat-tip bantam jistgħu jitkabbru f'kontenitur ta' 57L. Ħalli spazju ta' 10ċm bejn pjanta u oħra.

**Ħjar:**
Kabbar waħda tat-tip kompatta f'kontenitur ta' 19-il L u minn tnejn sa tlett pjanti tal-varjetà standard f'kontenitur minn 7 sa 26 u 38L.

**Brunġiel**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 19-il L. Kabbar tnejn jew tlieta f'kontenitur ta' 38L.

**Indivja:**
Kabbar pjanti f'kontenitur ta' 45ċm; aqta l-pjanti sabiex ikun hemm spazju ta' 20ċm minn waħda għall-oħra.

**Tewm:**
Kabbar snien tat-tewm 8ċm minn waħda għall-oħra f'kontenitur ta' 19-il L.

**Għerq il-Mustarda:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 19-il L jew akbar – din hija pjanta b'għeruq fil-fond.

**Jicama:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' bejn 11 u 19-il L.

**Kale:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 4L; kabbar tnejn f'kontenitur ta' 19-il L. F'kontenituri kbar naqqi sabiex ikun hemm spazju ta' 41ċm bejniethom.

**Ġdur Kohlrabi:**
Kabbar pjanta waħda f'qasrija ta' 20ċm.

**Kurrat:**
Kabbar 18-il pjanta f'kontenitur ta' 19-il L; 24 pjanta f'kontenitur ta' 38L. L-aħjar mod li tkabbar il-kurrat huwa f'kontenitur b'fond ta' mill-anqas 35ċm.

**Ħass:**
Kabbar il-ħass ikkaboċċjat f'kontenitur kbir biżżejjed li jippermetti spazju bejn pjanta u oħra ta' 25ċm; kabbar il-ħass tat-tip crisp head, romaine u butterhead f'kontenitur kbir biżżejjed li jippermetti spazju bejn pjanta u oħra ta' 25ċm.

**Mustarda Ħadra:**
Kabbar fi qsari ta' għallinqas 20ċm, naqqi l-pjanti sabiex tippermetti spazju ta' 10ċm bejn waħda u oħra.



**Bettieħ:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 19-il L jew akbar u tnejn f'kontenitur ta' bejn 38 u 57L.

**Okra:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 38L jew akbar.

**Basal:**
Kabbar il-basal f'qasrija ta' 60ċm; tiffullahomx. Il-qasrija irid ikollha fond ta' mill-anqas 24ċm. Basal aħdar jista' jitkabbar f'kontenitur inqas fond.

**Orach:**
Kabbar pjanta waħda f'qasrija ta' 30ċm.

**Piżelli, piżelli snow u piżelli zokkrin inklużi**
Kabbar il-piżelli li jħobbu jixxebilku f'kontenituri ta' 38L, u ħalli spazju ta' 5ċm bejn waħda u oħra. Poġġi trellis tal-fidiferru bejniethom ħalli jkunu jistgħu jikbru.

**Bżar:**
Kabbar waħda tal-ġens capsicum f'kontenitur ta' 11-il L jew akbar. Pjanti iżgħar taċ-ċili jikbru f'anqas spazju. Ħalli spazju ta' 30ċm bejn waħda u oħra.

**Patata:**
Kabbar il-patata f'kontenitur ta' mill-anqas wisgħa ta' 30ċm u fond ta' 30ċm ukoll. Ħawwel erba' jew ħamsa f'kontenitur ta' 19-il L, ħawwel 10 f'kontenitur ta' bejn 57 u 76L jew f'nofs bettiegħa tal-whisky.

**Qara' Aħmar:**
Kabbar dielja waħda f'kontenitur ta' 19-il L jew akbar.

**Ravanell:**
Kabbar il-pjanti f'qasrija b'ħamrija fonda 20ċm, wara naqqi l-pjanti sabiex ikun hemm spazju ta' bejn 2.5 u 5ċm.

**Rhubarb:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 38L jew akbar.

**Rubataga:**
Kabbar minn 15 sa 16-il pjanta f'kontenitur ta' bejn 57 u 74L.

**Scallions:**
Kabbar il-pjanti f'qasrija ta' 45ċm; naqqi l-pjanti li jitilgħu sabiex tippermetti 5ċm bejn waħda u oħra.

**Sorrel:**
Kabbar f'qasrija ta' 30ċm.

**Spinaċi:**
Kabbar tlett pjanti f'kontenitur ta' 7.5L jew akbar; kabbar għaxar pjanti f'kontenitur ta' 38L; naqqi l-pjanti sabiex ikollhom 13-il ċm spazju bejn waħda u oħra.

**Qara' tax-Xitwa:**
Kabbar pjanta waħda f'kontenitur ta' 19-il L, jekk tkun akbar aħjar. Ħawwel żewġ dwieli f'kontenitur ta' 38L.



**Patata Ħelwa:**
Uża kontenitur ta' 76L jew nofs bettiegħa tal-whisky.

**Pitravi Chard Żvizzeru:**
Kabbar il-pjanti fi qsari ta' 30ċm jew akbar; wara naqqi l-pjanti sabiex ikollhom spazju ta' 20ċm bejniethom.

**Tadam:**
Kabbar tadam tal-varjetà kbira f'kontenitur ta' 38L – kontenitur ta' bejn 57 u 76L huwa aħjar. Tadam żgħir jista' jitkabbar f'kontenitur ta' 19L. Iżra' ż-żerriegħa tat-tadam f'qasrija ta' 7.5ċm u wara għaddiehom f'qasrija ta' 12.5ċm, u kompli kabbarhom sakemm tpoġġi l-qasrija barra.

**Ġdur:**
Kabbar bejn 15 u 16-il pjanta f'kontenitur ta' bejn 57 u 76L.

**Zukkini:**
Kabbar pjanta waħda f'qasra ta' bejn 30 u 45ċm.

## KUN AF IL-KWALITÀ TAL-ĦAMRIJA

### IL-ĦAMRIJA U L-FERTILIZZATUR

Tista' tuża ħamrija komuni għall-kontenituri tiegħek sabiex tkabbar il-ħxejjex, iżda l-ħamrija tax-xtieli tista' tgħinek ħafna sabiex tibda speċjalment meta tkun qed tiżra' żerriegħa. Taħlita tal-ħamrija bil-piet bħala bażi, li jkollhom kemm piet u vermiculite huma eċċellenti. Huma pjuttost sterili u għandhom pH aġġustat. Iħallu wkoll il-pjanti jiksbu biżżejjed arja u ilma. Meta tħallat porzjon kompost ma' żewġ porzjonijiet taħlita tal-ħamrija tkabbar l-element fertili.

Meta tuża fertilizzant kompletament organiku jew fertilizzanti li jirrilaxxa lilu nnifsu bil-mod iżżomm il-pjanti mżoqqa għall-istaġun tat-tkabbir kollu.

Għalf: Fertilizzant organiku tajjeb għal kollox huwa miksub b'mod sostenibbli minn alka f'forma ta' likwidu.

Il-fertilizzanti organiċi għandhom aspett wieħed differenti mill-fertilizzanti mhux organiċi: il-fertilizzanti organiċi huma derivati minn sustanzi li jimmaterjalizzaw b'mod naturali, bħall-pjanti, prodotti sekondarji tal-annimali u blat minerali, waqt li l-fertilizzanti inorganiċi huma manifatturati b'mod sintetiku. Barra li l-fertilizzanti organiċi iżidu nutrijenti neċessarji lill-ħamrija, dawn ukoll itejjbu l-istruttura tal-ħamrija u s-sistema ta' kif jgħaddi l-ilma. Il-pjanti jiddependu ħafna minn dawn it-tnejn sabiex jikbru u jiżviluppaw b'saħħithom. Il-fertilizzanti organiċi huma disponibbli f'ħafna forom, bħal pereżempju kompost, demel, prodotti sekondarji tal-organiżmi tal-baħar, ikel, minerali, u l-kisi tal-art bil-ħaxix.



# KOMPOSTING

Is-sistema tal-komposting tirriċikla diversi materjali organiċi li kieku jitqiesu bħala skart u tipproduċi l-kompost bħala sustanza għall-ħamrija. Il-kompost għandu ħafna nutrijenti. Il-kompost huwa ta' benefiċċju għall-art b'ħafna modi, jikkundizzjona l-ħamrija, jiffertilizza, jikkontribwixxi aċidi vitali għall-humus u l-humic, kif ukoll huwa pestiċida naturali għall-ħamrija.

Ħxejjex li huma bil-Ġuħ għall-Kompost: tadam, patata, bżar ħelu, brunġiel, qara' bagħli u qara' tax-xitwa.

## VERMIKOMPOSTING

- Jista' jkollok tank tad-dud homemade fuq is-saqaf tal-bejt, idealment fi spazju fid-dell.
- Huwa faċli biex toħolqu u tmantnih.




## KIF TAGĦMEL TE TAL-KOMPOST BĦALA FERTILIZZANT

- Uża barmil kbir nadif, imla terz minnu b'kompost lest/prodotti tad-dud u wara imlieh kważi sax-xifer bl-ilma.
- Ħalli t-taħlita titla' għal bejn 3 u 4 ijiem. Ħawwadha minn ħin għal ieħor.
- Għaddi t-taħlita minn garża jew xi tip ta' drapp ieħor poruż bħal burlap jew flokk qadim, għal ġo barmil ieħor. Żid l-elementi solidi li baqa' fil-ġnien jew fil-barmil tal-kompost.
- Ħallat il-likwidu li baqa' bl-ilma sakemm il-kulur tiegħu ikun ta' te mhux kark (uża ratio ta' ilma għal te ta' 10:1).
- Uża t-te immedjatament sabiex il-ħamrija ta' madwar il-pjanti tassorbih bl-aħjar mod possibbli.
- Għal pjanti f'qasrija:
  - Fil-każ ta' pjanti għadhom żgħar u delikati, ħallat it-te.
  - Madwar is-Sistemi tal-Għeruq
  - Bħala Bexx għall-Weraq (żid 1/8 ta' kuċċarina żejt veġetali jew likwidu tal-ħasil tal-platti għal kull litru u għinu jitħallat mal-weraq)



## KISI TAL-ART BIL-ĦAXIX

Il-kisi tal-art bil-ħaxix iservi ta' insulazzjoni u jipprovdi protezzjoni mit-temperaturi sħan u kiesħa. Il-kisi tal-art bil-ħaxix iżomm l-ilma u għalhekk jgħin sabiex iżomm l-għeruq umdi. Il-kisi tal-art bil-ħaxix ma jippermettix ħaxix ħażin u għalhekk l-għeruq ma jkollhom ebda kompetizzjoni. Il-kisi tal-art bil-ħaxix jipprevjeni il-ħsara għall-ħamrija.




*Centenary Landscaping Supplies https://centenarylandscaping.com.au/blog/*

## KONTROLL TAL-INSETTI:

Hemm ħafna modi naturali kif tbiegħed l-insetti (li huma vitali għall-ekosistema tagħna), permezz ta' rimedji naturali homemade tista' tbiegħed kull insett. Irreferi għall-Easy, Safe Kitchen Remedies pull out.

### IDEAT GĦAL GARDINAĠĠ URBAN MINGĦAJR BATTIKATI ŻEJDA

- Ibda bin-nebbieta mhux biż-żerriegħa
- Poġġi l-ġebel taħt il-kontenituri sabiex jkun jista' jgħaddi l-ilma
- Aktar kemm il-qsari jkunu kbar aħjar (qsari żgħar jinxfu aktar malajr)
- Uża qsari li jsaqqu lilhom infushom waħedhom/apparat li tagħmel int stess
- Uża irrigazzjoni b'timer
- Iksi l-art bil-ħaxix

### L-AKTAR 10 ĦXEJJEX FAĊLI

- Tadam
- Patata tal-Insalata
- Fażola Żgħira
- Ħass
- Ravanell
- Rucola
- Spinaċi
- Pitravi Chard
- Weraq tas-Sorrel tar-razza Buckler
- Frawli
- Ħwawar: Klin, Sagħtar, Tursin, Nagħniegħ, Ħabaq, Każbor, Kurrat Selvaġġ, Salvja, Bay, Tarragon, Oregano, Verbena tal-Lumi
- Karrotti
- Qara' bagħli, Qara' tax-Xitwa u Qara' Ħamra
- Ċili
- Żerriegħa tas-sunflower



## L-IDEA TAR-RIĊIKLAĠĠ FIL-GALLARIJA

- Uża bottijiet tal-jogurt, fliexken tal-plastik maqtugħa sabiex tkabbar in-nebbieta
- Uża passatur minflok basket imdendel
- Oħloq il-landa li ssaqqi b'mod ġentili billi tittrasforma flixkun tal-plastik
- Oħloq kontenitur sempliċi li jsaqqi lilu nnifsu
- Oħloq flixkun imdendel bħala ġnien tal-ħwawar
- Biddel tajer f'kontenitur tal-pjanti

## KABBAR SIĠAR TAL-FROTT FI QSARI

- Din trid titkabbar b'għeruq żgħar u tkun kuntenta f'qasrija
- Huwa possibbli li tkabbarha b'mod tradizzjonali jew billi tiggwidaha f'direzzjoni vertikali mal-ħajt (b'hekk tibbenifika mill-isħana tal-ħajt)
- Iċċekkja jekk hux aktar minn siġra waħda hija meħtieġa għal pollinazzjoni

## L-AĦJAR SIĠAR GĦAL ĠNIEN URBAN

- Għanbaqar
- Ħawħ u Berquq
- Tin
- Żebbuġ
- Lumi









## TKABBIR TA' ĠONNA FAVUR IL-FERTILAZZJONI BIL-POLLINE

- In-naħal huma indikatur tal-kwalità tal-ambjent
- Jipprovdu servizz importanti għall-umani u l-ekosistema
- Idakkru l-ħxejjex tagħna
- Idakkru l-pjanti mad-dinja kollha
- Huma l-insetti li l-aktar li jdakkru

### XI TRID TIKKUNSIDRA META TOĦLOQ ĠNIEN FAVUR IL-FERTILAZZJONI BIL-POLLINE

- Kabbar il-pjanti fi gruppi – Toħloq rqajja' ta' kulur
- Inkludi varjetà ta' pjanti li jagħtu l-fjuri sabiex jipprovdu n-nektar u l-pollen tul l-erba' staġuni
- Inkludi fjuri li jiftħu kemm filgħodu u filgħaxija (nightshades)
- Varja kemm fil-kuluri u l-forom
- Frott imħassar jista' jgħin id-dieta tagħhom



- Ipprovdi kenn mit-temp – Oħloq lukanda għan-naħal
- Lukandi għan-naħal kemm għan-naħal solitarji u n-naħal carpenter
- Inkludi varjetà ta' arbuxelli u pjanti perenni
- Ħalli ftit irqajja' ta' ħamrija miftuħa sabiex in-naħal ibejtu fihom
- Ħalli ftit weraq mal-art bħala kenn għall-friefet, naħal bagħli u insetti li jdakkru oħra
- Oħloq skemi bl-ilma: għadajjar, funtani, banjijiet għall-għasafar
- Aċċerta aċċess faċli għal dawn l-iskemi bl-ilma: pereżempju ħalli tapp tas-sufra, jew poġġi ċagħaq fejn jistgħu jinżlu fuqhom
- Tużax pestiċidi kimiċi jew insettiċidi fuq il-pjanti tiegħek
- Uża metodi favur l-ekosistema sabiex tikkontrolla l-pesti bħal tkabbir ta' ħxejjex li jgħinu lil xulxin (companion planting) jew Maniġġjar tal-Pesti Integrat
- Ħalli l-fjuri slevaġġ jikbru
- Kabbar pjanti li jassimilaw in-nitroġenu bħal Clover & Afalfa
- Oħloq skemi lineari – oħloq fruntieri b'ħaxix naturali li jservi ta' għalf
- Kabbar fjuri f'livelli differenti
- Ipprovdi spazji miftuħa u wiesgħa
- F'każ ta' ġnien kabbar siġar mal-permiteru
- In-naħal ma jarawx l-aħmar, għalhekk fjuri ħomor ma jattirawhomx
- In-naħal ma jiġux attirati mis-siġar tal-elm, betula, ballut, koniferi; art mgħottija jew Lawns.
- Il-pjanti li jikbru bl-istaġun huma importanti:
  - Kmieni fir-rebbiegħa/sajf għal-Larvae tan-Naħal
  - Fl-aħħar tal-ħarifa għar-riservi tax-xitwa

SOS MALTA

# SPAZJU GĦAL WIRJA TA' ĠNIEN URBAN













## RIFERENZI:

Il-manwal CROP in a POT jinkludi fatti u informazzjoni minn dawn is-sorsi pubbliċi li ġejjin:

### KOTBA:

Edible Cities; Urban Permaculture for Gardens, Yards, Balconies, rooftops and Beyond. Authors: Judith Anger, Immo Fiebrig, Martin Schnyder

The Edible Balcony, Growing Fresh produce in the Heart of the temperature-table/ City. Authors: Alex Mitchell, Sarah Cuttle

### SITI:

[1]Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Global Status Report fuq mard li ma jitteħidx 2014 – Kapitlu 7. *Geneva* 2014.

[2] Malta Standards Authority (2010)

[3] Growing your own : A multi-level modeling approach to 3 understanding personal food growing trends and motivations in Europe" – A.Church, R.Mitchell, N.Ravenscroft, L.M. Stapleton p.76

[4] More than fve per cent of the Maltese produce tested by the 4 authorities in 2015 was over the limit for chemicals sprayed by farmers. The EU average was less than two per cent". https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170423/local/ maltas-fruit-and-veg-tops-eu-pesticide-tests.645933

https://balconygardenweb.com/best-vegetables-to-grow-in-pots-most-productive-vegetables/

https://homeguides.sfgate.com/deep-make-planter-box-48527.html

https://harvesttotable.com/pot-and-container-sizes-for-growing-vegetable-crops/

https://www.thespruce.com/growing-vegetables-incontainers-1403373

ZONE 10 – Vegetable Planting Schedule, Hardiness Zone Look-up, & Germination Temperature Chart
(ŻONA 10 – Skeda għat-Tkabbir tal-Ħxejjex, Tfittix għal Żoni li Jifiħu & Tabella ta' Duplikar tat-Temperatura)
https://gardentowerproject.com/2018/01/19/vegetable-planting-schedule-hardiness-zone-look-germination-temperature-table/

https://www.thespruce.com/growing-vegetables-in-containers-1403373